## NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

**Nru. 683**

**ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI**

**Artikolu 82 tal-Att tal-2001 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp**

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tqis li il-proprjetà li ġejja, jiġifieri:

**Il-Bajja tal-Ġnejna**

(ara l-pjanta f'paġna 8600), hija ta' importanza ekoloġika u xjentifika u fil-bżonn ta' konservazzjoni. L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għar-rigward ta' dan is-sit imsemmi hawn fuq, skont Artikolu 82 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Għal skopijiet ta' konservazzjoni, il-kundizzjonijiet li ġejjin japplikaw:

1. Ipparkjar ta' vetturi u karavans huwa pprojbit fl-*emergency conservation area*.
2. Drittijiet tal-aċċess eżistenti fl-*emergency conservation area* għandhom jibqgħu validi.
3. L-*emergency conservation area* taħt sorveljanza għandha tkun immonitorjata kontinwament *inter alia* permezz ta' *site post* temporanju.
4. Storbju eċċessiv u mużika għolja huma projbiti. Mużika mhux permessa bejn it-8.00 p.m. u t-8.00 a.m.
5. Ikkampjar, nirien, ħġejjeġ, *barbeques*, jew attivitajiet oħra organizzati ta' gruppi ta' aktar minn 25 persuna, mhumiex permessi fl-*emergency conservation area* fl-ebda ħin.
6. Annimali m'għandhomx jitħallew fl-*emergency conservation area* u annimali randaġi għandhom jiġu rrapurtati lil Awtorità minnufih.
7. *Offroading* mhux permess fl-*emergency conservation area*, skont ir-Regolament tal-1997 dwar *Offroading* minn Vetturi bil-Mutur (Avviż Legali 196 tal-1997).
8. Fl-*emergency conservation area* huwa permess li jsir biss tindif manwali tal-bajja. Tindif tal-bajja mhux permess fiż-żoni magħluqa mill-Awtorità jew il-Pulizija ta' Malta, u għandu jsir biss wara konsultazzjoni mal-Awtorità.
9. *Beach users* m'għandhomx jidħlu fiż-żoni magħluqa fl-*emergency conservation* fl-ebda ħin.
10. Ħofor kbar u fondi li jkunu għamlu *beach users* fl-*emergency conservation area* għandhom jimtlew qabel ma dawn jitilqu minn fuq is-sit.
11. L-Awtorità għandha tiġi mgħarrfa dwar traċċi jew osservazzjonijiet oħra li jindikaw attività tal-fkieren.
12. Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u l-Ambjenti Naturali (Avviż Legali 311 tal-2006), u tar-Regolamenti tal-1992 dwar il-Ħarsien tar-Rettili (Avviż Legali 76 tal-1992), id-disturb, qbid/ġbir, u teħid ta' bajd, frieħ jew adulti tal-fkieren tal-baħar, kemm ħajjin jew mejtin, huwa projbit.

It-22 ta' Ġunju, 2012

## GOVERNMENT NOTICE

**No. 683**

**EMERGENCY CONSERVATION ORDER**

**Article 82 of the Environment and Development Planning Act 2010**

The Malta Environment and Planning Authority believes that the following property, namely:

**Ġnejna Bay**

(as per plan on page 8600), is of ecological and scientific importance and is in need of conservation. The Authority is hereby issuing an emergency conservation order in respect of the above site as described thereto in accordance with Article 82 of the Environment and Development Planning Act.

For the purpose of conservation, the following conditions and provisions are to be applied:

1. Vehicular parking and use of caravans is prohibited in the emergency conservation area.
2. Any existing rights of way within the emergency conservation area shall remain.
3. The emergency conservation area under surveillance shall be monitored continuously *inter alia* by means of a temporary site post.
4. Excessive noise and loud music is prohibited. No music is allowed between 8.00 p.m. and 8.00 a.m.
5. Camping, campfires, barbeques, any other open fires, or any organized event of a group of more than 25 people are not permissible in the emergency conservation area at all times.
6. No animals shall be allowed in the emergency conservation area and any stray animals should be reported to the Authority at once.
7. Offroading is prohibited in the emergency conservation area as per the Motor Vehicles (Offroading) Regulations, 1997 (Legal Notice 196 of 1997).
8. Only manual beach cleaning is permitted in emergency conservation area. Beach cleaning is not allowed in the areas cordoned off by the Authority or the Malta Police Force, and shall only take place following consultation with the Authority.
9. Beach users shall not trespass any enclosures in emergency conservation area at all times.
10. Any large, deep holes left by beach users in the emergency conservation area shall be filled in before leaving the area.
11. Turtle tracks or observations of turtle activity should be immediately reported to the Authority.
12. Without prejudice to the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations, 2006 (Legal Notice 311 of 2006), and the Reptile (Protection) Regulations, 1992 (Legal Notice 76 of 1992), disturbance to, handling or capturing of turtle eggs, live or dead turtle hatchlings or adult turtles is prohibited.

22nd June, 2012


MEPA
St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:21240976 Fax:21224846
MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY
(c) Copyright MEPA
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E457483, N3972237
Max E458409, N3973070
Title :-
Emergency Conservation Order
Il-Bajja tal-Ġnejna
Ġnejna Bay
Key :-
Emergency Conservation Area
Ta' Żammite
Il-Bajja tal-Ġnejna
0
50
100
metres